Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IS-SEBAT LEĠISLATUR
## Laqgħa Numru 51
## It-Tlieta 23 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku talab li jkun skużat minħabba raġunijiet relatati ma' xogħol
MATTHEW MANGION - talab li jkun skużat minħabba raġunijiet accidentali.

ASSENTI

Matthew Mangion Ma kienx avżat u talab li jiġi skużat. Is-Segretarju Eżekuttiv ivverifika u kkonferma li is-Sur Matthew Mangion accidentalment ma kienx avżat

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.
Il-laqgħa bdiet b'talba lil San Ġużepp
Wara li saret it-talba,is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet sospensjoni tal-laqgħa biex tirringrazzja lil Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Karen Camilleri ta' xogħol li għamlet u tagħti merħba lis-Segretarju Eżekuttiv maħtur is-Sur Alan Vella.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

51.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija ta' Dr Alex Sciberras – Viċi Sindku u l-membri preżenti unanimament aċċettaw-apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-minuti ta' Seduta Nru 50 ttieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet.

51.2.2 Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 Ċirkulari 38/2016 dwar fondi pubbliċi minfuqa għal -finanzjament ta l'Ghaqdiet.Taghti tifsira ta' artiklu 33 dwar il-kunsilli lokali Kap: 363. Il-kunsill talab li din għanda tintbagħat kopja lill- kunsilliera u l' għaqdiet.

51.3.2 Talba mis-Sur Jason Jones għal un/loading Bay Komunali fiTriq ix-Xatt ta' Xbiex.Wara li t-talba ġiet kunsidrata il-kunsill unanimament ma jaqbilx.

51.3.3 Talba mis-Sur Daniel Hili Assistent Segretarju tal-każin tal- banda Melita biex bhal kull sena flimkien mal kunsill Lokali issir it -tqassim tar- rigali tat tfal. Dawn talbu permess biex jintuża il-vann tal kunsill għal din l-attività.] Wara li t-talba ġiet kunsidrata il-kunsill unanimament qabel li dan għandu jingħata permess bil kundizzjoni li tul il perjodu miftiehem dan għandu jinstaq biss minn persuna waħda imsemmija min qabel. Id-dettalji ta' xufier iridu jkunu mgħoddija lis- Segretarju Eżekuttiv u li il-vettura ma tistax tintuża barra il-konfini tal-lokal ta' l-Imsida.

] Is-Sur Maurice Agius kien semma li is-sena l-oħra il-van kien misjuq b'mod traskurat. Is-Sinjura Romina Galea għamlet rimarka li mhux sew li dawn il-kummenti jsiru sena wara.

51.3.4 Talba minn Mizzi Estates Ltd għal no objection biex jitneħħa planter quddiem ix-xhow room go Triq Prinċipessa Margerita. Dan biex issir rampa għal ġewwa ix- xhowroom.Wara li t-talba ġiet ikkunsidrata, il-kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm wara li jitlesta x-xogħol, il-planter jerġa issib post adattat jew jinbidel ma' xi haġa simili biex il-post jiġi msebbaħ.

51.3.5 Talba mis-Sur Clayton Camilleri għal ħlas ta' ħsara fir-rim ta' rota wara li saq il-vettura tiegħu fuq ħofra nhar it-3 ta' Novembru fit-8 ta' filgħaxija go Triq Rue D`Argens.Il- kunsill jinnota li ir-rapport lil-pulizija sar l'għada li sehh dan l'aċċident fis 6 ta' filgħaxija u ma jistax ikun ċert li il-ħsara imsemmija ġejja mit-triq. Wara li t-talba ġiet kunsidrata il-kunsill unanimament qabel li ma għandux Jagħmel tajjeb.

51.3.6 Talba mis-Sur Victor Filletti għar-refresing faċċata ta'145 Triq Rue D`Argens għal parkeġġ riservat u jiġi mmarkat b'siġġu tar-roti li tkun ċara li għal użu ta' blu sticker. Il-kunsill jaqbel li jingħata refrshing iżda jinnota li-sinjal huwa kif suppost u għandu jibqa' kif qiegħed.

51.3.7 Talba mis-Sinjura Claire Bonello għal permess ta' ġurnata biex tbiegħ mil-vann prodotti ta' ikel artiġġjanali go Triq L-Esperanto. Il-kunsill tal-fehma li l-permess jingħata biss jekk il-vann ma jkunx fil-viċin ta' ħwienet oħra li jistgħu jbiegħu prodott simili. Is-Sinjura Bonello trid tgħaddi iktar informazzjoni ma l-applikazzjoni u din tiġi aċċettata jekk tkun skond ir-regolamenti.

51.3.8 l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri li kienet intalbet tikteb lis-Sur Kenneth Cutajar GM District operations dwar talba għal-ħaddiema addizzjonali fil-kunsill lokali l-Imsida.Il-kunsill ġie infurmat li hemm żewġt kandidati nteressati għal mili ta' post bħala Contracts maniġer u li dawn se nitkellmu magħhom fil-jiem li ġejjien.

51.3.9 Saret talba mis-Sur Maurice Agius biex jekk possibbli l-lista tal-korrispondenza tintbagħat qabel il-laqgħa

51.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai infurmat lill-kunsill li f'id 9 ta' Diċembru il-Kulleġġ Santa Tereza bl- għajnuna tal-kunsill ha jaghmel attivita fejn se tiġi inawgurata s-siġra tal-Milied mghamula b'materjal riċiklat f'Misraħ San Guzepp.Il-Kunsilliera ġew mħeġġa jattendu.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.4.1 Wara li l-kunsill innota li dehru artikli fuq Next Bike f'xi gazzetti lokali

Is-Sur Matthew Agius staqsa jekk sarux il-Bike stands li kellhom jeħlu fil-lokalita ta' l-Imsida u jekk sarx xi kuntatt ma kunsilli msemmija li ha jkunu qed jagħtu permess lill-Next Bike
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li kellha kuntatt ma xi kunsilli iżda jidher li min dak li ħareġ fil-gazzetti hemm bżonn naraw jekk l'operatur għandux il- permessi mehtiega. u jibqa jsostni li ma jaqbilx fein saru
Is-Sur Maurice Agius saħaq li għandna niktbu ukoll lill-operatur biex inehhi dak li ġa waħħal jekk ma għandux permess.
Is-Sur Matthew Agius spjega li l-operatur m'għandux juża l-kunsilli bħala skuża u ippropona li niktbu lill-Trasport Malta ha nkunu ċerti.
Is-sur Emanuel Brincat qabel miegħu u l- kunsill qabel unanimament li jsir hekk.

51.4.2 Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jitlesta Il-patching fit-Triq It-Tabib Naudi għax għadu ma sarx kollox.

Is-Sur Emanuel Brincat spjega li barra temp ħażin kien hemm affarijiet oħra li ma permettewx li xogħol jitlesta imma dan pjanat li jsir.

51.4.3 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq iż-żebra cross ta' Triq Rue D`Argens

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kitbet iżda għada ma ħadet l' ebda risposta.

51.4.4 Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq x' se jiġri dwar il-fanal li kellu jinqala b'ordni tal-qorti fi-Triq Sant'Antnin

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ha niktbu lir-residenti u nispjegaw is-sitwazzjoni.

51.4.5 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand il-kuntrattur Ta' Triq Tal-Qroqq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel kuntatt mal-kuntrattur bit telefon fejn ftehmu u hekk sar li jibgħatlu email. L- email li magħha kien hemm annessa kopja tal-kont u l-ittra li intbghatet f'Ottubru talbet lis-Sur Euchar Vella biex jaghrafna bil-pożizzjoni tiegħu,jekk ma jirrispondix fi żmien ħmistax il-ġurnata tintbagħat reminder u jekk ma jasalx se nieħdu parir legali.

Is-sur Maurice Agius talab biex nghafsu lil kuntrattur ha jaghmel il-bankina.

51.4.6 Is-Sur Maurice Agius staqsa fhiex waslet il-Green Pack biex tinstalla is-CCTV kamera.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li daqt teħel l-ewwel kamera

Is-Sur Alan Abela Wadge għarraf lill- kunsill li ġabar xi stimi għal kameras iżda dawn huma kollha l'fuq minn 800 euro.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa kif bqajna fuq il proġett pilota mid direttorat tat tindif.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li ġa saqsiet iżda għada ma ħadet l' ebda risposta.

Is-Sur Charles Selvaġġi talab biex Green Pack tibgħat weekly updates u ritratti biex fejn hemm bżonn nagħmluh fuq il-Face Book.

Is-Sur Matthew Agius qal li jaqbel mas-suġġeriment iżda hemm bżonn niżguraw li ma jkunx hemm ksur tal-liġi.

51.4.7 Is-sur Charles Selvaġġi staqsa fuq il-poġġa man tat-taraġ ta' Skate Park

Is-Sindku Margaret Baldacchino spjegat li se jittieħdu xi ritratti u se nitolbu lil-Trasport Malta biex tieħu ħsieb dan il-poġġa man.

51.4.8 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa għal-kopja tal-korrispondenza l' ntbghatet mal-mozzjoni 1/2016 dwar introduzzjoni immedjata tal-parkeġġ tar-residenti.

Is-Sur Charles Selvaġġi talab biex tintbagħat kopja lill kull kunsillier u ppropona li jekk ma nieħdux risposta sal-laqgħa li jmiss għandu jsir xi ħaġa.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li għanda mimxu skond ir-risposta li tigi.

Is–Sur Matthew Agius ippropona li nistennew sal-laqgħa li jmiss għax jaf ikun hemm xi risposta.

51.4.9 Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jibda xogħol fi-Triq Censu Farrugia.
Is-Sur Emanuel Brincat spjega li x-xogħol se jibda fl-ewwel ta' Diċembru.
Is -Sur Maurice Agius staqsa jekk dan ix-xogħol hux se jitħallas mill- UIF fund.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li l-Gvern ċentrali se jagħmel tajjeb.

Is–Sur Matthew Agius staqsa wara li kien hemm diversi problemi biex wasalna f'dan l-istat kif aħna ċerti li-se jħallas il-Gvern centrali.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li l-Gvern ċentrali se jagħmel tajjeb għal proġett waqt li-spejjez tal-perit fuq tibdil li sar fil-pjanti huma tal-kunsill. Ma dan il-Gvern ċentrali se jagħmel it-triq ukoll.

51.4.10 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk l'ilma tal-funtana ta' Triq Victor Denaro baqax nieqes.Is-Sur Lino Bartolo wieġeb li l'ilma ġie miżjud.

51.4.11 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq it-timer tal-funtana ta' Triq Victor Denaro.

51.4.12 Is-Sur Alan Abela Wadge għarraf lil-kunsill li d-dawl tax-xatt qed jintefa fil-ħdax.
Is-sur-Manuel Brincat wieġeb li dan jintefa minħabba id-dawl tat-triq.

51.4.13 Is-Sur Maurice Agius għarraf lill-kunsill li fejn il-Busy Bee qed ikun hemm ħafna double parking. Qed jiġri ukoll li tal-linja flok Jidħlu fil-Bus Stop qed jieqfu fuq barra u jagħmlu kon ġestjoni ta' traffiku. Semma ukoll is-Sit ħdejn is-Solo Pizza.
Is–Sur Matthew Agius talab biex niktbu lill-Trasport Malta ha jieħdu passi ħalli ma tkomplix tinħoloq kon ġestjoni minħabba ~~dan il-fatt.~~ Trasport Pubbliku mhux jidħol fil-kas tat-traffiku
Is -Sur Maurice Agius ippropona li niktbu lil-Pulizija.

51.4.14 Is-Sur Lino Bartolo staqsa fhiex wasal il-fanal ta' Triq Victor Denaro.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dan ha jiprova jaghmlu meta ikun waqt xogħol ta' emerġenza.
Is-Sur Lino Bartolo ippropona biex inkellmu avukat.
Is -Sur Emanuel Brincat qal li se jerga jkellem lil-kuntrattur.

51.4.15 Is-Sur Maurice Agius talab biex niktbu lil ta' Titan dwar l'ammont ta' vetturi tal kumpanija pparkjati barra b'mod abbużiv.

51.4.16 Is-Sur Maurice Agius informa lil-kunsill li l-mera ta' Triq Mons Innocenz Zammit ma'Triq San Andrija hi maqlugħa.

51.4.17 Is-Sur Maurice Agius staqsa x'jista jsir dwar il-Bankina mfarrka u sprall mkisser eżatt ma numru 29 li kien mgħarfu ta' Demicoli.
Is-sur Maurice Agius talab biex nieħdu xi ritratti u nagħmlu rapport lil-MEPA.

51.4.18 Is-Sur Maurice Agius ippropona li ssir stop sign quddiem it-taraġ tal-kunsill minħabba li id-daħla mit-triq prinċipali hija kerha u jista' jkun hemm kolliżjoni.

51.4.19 Is-Sur Maurice Agius talab biex ikun jaf min hu li ha id-deċiżjoni li jitnehhew żewġt ħwat li kienu hemm għal numru ta' snin u b'hekk inkissru. Dan spjega li dawn kienu hemm bil permess ta' l' ewwel Sindku.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li se jiċċekkja fuq l'ilment.

BC

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li meta ġie infurmat ta' struzzjonijiet biex jittieħdu żewġt ħwat ġodda u li wara l'okkupant irringrazzja lill-kunsill.
Is -Sur Maurice Agius spjega li kull ma ittieħed kien ħawt wieħed u talab biex issiru tnejn ġodda.

51.4.20 Is-Sur Maurice Agius għarraf lil-kunsill li irċieva xi ilmenti dwar xi gwardjani lokali li qed jagħtu ċitazzjoni lill min jieqaf fuq double yellow line biex ikunu jistgħu jiġbru it-tfal mill-skola ta' St Francis iżda fl-istess hinn iħallu lil tal-vannijiet jieqfu f'nofs it-triq u b hekk iżżommu it-traffiku.
Is-Sur Maurice Agius spjega li tal-vannijiet huma ukoll qed jiksru ir-regolamenti u il-liġi hija għal kulħadd l'istess u ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni.dan kompla jispjega li dawn il-Gwardjani Lokali għandhom ikunu hemm biex jedukaw u jassistu lin-nies u mhux iwahlu ċitazzjoni fejn jidrilhom biss.
Is-sur Maurice Agius ppreżenta kopji ta' żewġt ċitazzjonijiet u talab biex nitolbu kemm ħarġu bħal dawn fuq il-yellow line u tal-vannijiet li waqfu f'nofs it-triq.
Is–Sur Matthew Agius issuġġerixxa li tintbagħat lill-Trasport Malta ,lill-Prim ministru u lis-Segretarju Parlamentari Stefan Bontempo.

51.4.21 Is–Sur Matthew Agius ~~staqsa dwar jekk fil-baġit kienx hemm xi fondi speċjali li il-kunsill jista' japplika għalihom minħabba l'ilmenti tas-soltu fuq it-tbatijiet ta' l-Imsida,u jekk hux possibbli li il-kunsill jantiċipa iz-żmien u niktbu biex nitolbu min dawn il-fondi.~~ issuġerixxa li tintbagħat ittra lill Prim ministru. lill ministru tal Finanzi u lis Segretarju Stefan Bontempo.
Fis-sena ta' mizuri u fondi specjali għall Kunsilli Lokali elenkati fid-diskors tal-Bagit 2017 Fi-[illegible] tat-tqassim taghhom tittieħed in konsiderazzjoni problemi u tbatijiet specjali tal-Lokalita ta' l-Imsida għal ma huma l-influss ta' studenti. residenti barranin. traffiku [illegible], fost oħrajn. Il-Kunsill [illegible] li l-Kunsill jantiċipa iz-żmien u niktbu biex nitolbu min dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel u talab lis-Sur Agius jagħmel Draft
~~Il-Kunsill talab l'Sur Matthew Agius biex jipprepara draft.~~

51.4.22 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienetx ċċarat il-għala minkejja żdiedu il-kunsilliera l'allokazzjoni baqgħat ferm inqas min ta' ċertu lokalitajiet bl-istess numru ta kunsilliera .
Is-Sur Maurice Agius spjega li għal inqas inghata ta' 3 snin Lura
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li attenda għal laqgħa li saret dwar l'allokazzjoni fejn ingħata tgħarraf ta' kif ċertu differenzi ġew indirizzati u rranġati iżda dan b'seħħ mis-sena li ġejja u mhux b'lura.Meta jaslu id-dettalji tal-allokazzjoni Is-Segretarju Eżekuttiv ħa jibgħat kopja lill-kunsilliera.

51.4.23 Is–Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk Karavan bil-magna u liċenzja tat-triq jistax ikun ipparkjat go triq.

51.4.24 Is–Sur Matthew Agius talab biex jigi skużat u ħalla il-laqgħa fis -19:12 ta' filgħaxija.

51.4.25 Is–Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk il-parkeġġ ta' Triq il-Wied ma Blue Cross Animal Clinic hux tal-privat jew pubbliku.

51.4.27 Is–Sur Charles Selvaġġi staqsa il-għala fi-Triq Oskar Zammit ma hemmx la bins u lanqas dog litter u spjega li ir-roundabout hi kollha ħmieġ tal-klieb.

51.4.28 Is–Sur Charles Selvaġġi staqsa meta se jibda ix-xogħol fi-Triq Is Snajja' li kienet mwiegħda f'Ġunju 2016.
Is-Sur Emanuel Brincat spjega li kellu korrispondenza min trasport Malta li din se sir iżda ma jafx meta.

51.4.29 Is–Sur Charles Selvaġġi informa lil-kunsill dwar tlett garaxijiet fi Triq H.Calleja Schembri li jista' jkun mhux jintużaw u jekk il-kunsill jistax jġib konferma u biex ikunu jistgħu issiru il-parking lines.

51.4.30 Is–Sur Charles Selvaġġi talab jekk tistax issir lista ta' bankini biex meta is-sitwazzjoni tal-finanzi tippermetti dawn issiru u lista ohra ta'bankini li għandhom garanzija mal- MEPA.

51.4.31 Is-Sur Lino Bartolo staqsa kemm il-Green MT għandu jagħti lill-kunsill u x passi se nieħdu.

51.4.33 Is-Sur Lino Bartolo staqsa x jista' issir fuq il-ħġieġ mkisser tal-Bus Stop biex jinbidel.

Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn li dan jittneha għax hu ta' periklu.Hemm bżonn niktbu lill-trasport Malta ħalli jara x jista' issir għax jekk il-Bus Stops jiġu taħt il- kunsill dawn għanhom ikunu fi-stat tajjeb.

51.4.34 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar il-binja li se tinbena fi-Triq il-Kunċizzjoni.

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li il-kunsill ma diskutiex dan il-permess ~~u ġie propost biex il-kunsill jappella~~.
Is-Sindku wiegbet li l-kunsill kien ġa appella minħabba li hemm ftit garaxxijiet vis a vis l-appartamenti.
Is Sur Lino Bartolo staqsa jekk nistgħux nitolbu kopja tal-pjanti. Ta' Binja li se ssir mill Awtorita tad Djar go Triq il-Wied

51.4.35 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar id-dawl ta' Misraħ San Guzepp x'se jiġri minnu għax għadu mhux qed jixgħel.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li għandu jiltaqa' ma Nexos lighting

51.4.36 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet dwar mera li inqalet fi-Triq Santa Venera.
Is Sur Emanuel Brincat spjega li din hi deċiżjoni ta' Trasport Malta.

51.4.37 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-tbajja ta l' art ta' Misraħ San Guzepp għax ha xi ritratti.

Is Segretarju Eżekuttiv talbu jaghdilu kopja ha jiccekja x jista issir.

51.4.38 Is -Sur Maurice Agius għarraf lil-kunsill li f'Misraħ San Guzepp il-panelli solari jixgħelu biss nofs siegħa.

51.4.39 Is -Sur Maurice Agius għarraf lil-kunsill li il-mera go triq ix xatt faċċata ta' Triq Mons D.Andrea qeda mdawwra u staqsa jekk tistax issir wara il-ħadid.

51.4.40 Is Sur Alan Abela Wadge talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa fis-19:37 ta' filgħaxija.

51.4.41 Gie deciz li l-ikla tal-Milied u id-drinks mhux se issiru minhabba il-qagħda Finanzjarja tal-Kunsill

ABC

## 51.5 Rapporti

51.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda It-third quater financial indicator report għal approvazzjoni tal-membri.Is-Segretarju intalab u spjega li sa l'ahhar ta' Settembru ma kienx qed jidher li hemm xi spiża li qabżet il-baġit u li sar titjieb żgħir fil-pożizzjoni għal dan il-perjodu.Iżda jidher ċar li għadd fadal ħafna x issir biex nilħqu +10% . Dan jista' jsehh biss jekk is-sena dieħla l'estimi finanzjarji ikunu analizzati aktar f'Id-dettal u li jinżamm kontroll shih fuq in-nefqa u l-effiċjenza.

51.5.2 Is-Sur Emanuel Brincat qal li fejn Jidħlu tiswijiet qed issir dak kollu possibbli u qed joqgħodu attenti hafna.Izda hemm limitu sakemm tista' tagħmel hekk.

51.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera li se jiltaqa' ma l'accountant biex tispjega xi affarijiet u min hemm jibda jara l'accounts kif qed jidħlu. Hawn spjega li hemm ċertu tastaturi li mhux imdaħħla kif suppost bħal eżempju il-handyman li suppost daħlu extra sweeping u affarijiet oħrajn li irridu jkunu aktar maqsumin u spjegati. Hawn kompla jispjega li il-ġbir ta' l' skart u tipping fees irridu jkunu analizzati sew.Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil-kunsill li ħa jiddiskuti ma l'accountant biex ir-rapport bħal quater financial indicator irrid ikun lest sa ammont ta' ġranet definiti u mressaq quddiem il-kunsill ma l'ewwel laqgħa wara li jagħlaq il-perjodu. Dan iwassal biex naddattaw sistema li il-kunsill ikun jista' jieħu idea ċara fil-iqsar żmien biex ċertu deċiżjonijiet jittieħdu fil-ħin li hemm bżonn jittieħdu.

51.5.4 Ir-rapport ġie approvata unanimament.

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-Skeda ta`ħlasijiet għal-approvazzjoni tal-membri.l' skeda ġiet approvata unanimament.

## 5.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.11.1 Il-laqgħa intemmet 20:30 ta' filgħaxija.u ġiet aġġornata għall-20 ta' Diċembru 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 20 ta' Diċembru 2016

IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv